Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili Nru. 12/2015

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol 3149 bejn:**

**Nathania Mifsud (appellata)**

**vs**

**Sterling Jewellers li b'digriet datat 30 ta' Jannar 2014 gie sostitwit bl-isem Sterling Holdings Company Limited [C 7140] (appellanti)**

12 ta' Diċembru, 2016.

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors ta' Natania Mifsud tat-23 t'Awissu 2013** quddiem it-Tribunal Industrijali permezz ta' liema ppremettiet illi hija kienet impjegata mal-kumpanija Sterling Jewellers mill-liema impjieg hija tkeċċiet inġustament nhar it-3 ta' Mejju 2013 wara li Romina Grech Fenech għajtitilha fl-uffiċju u wara li qaltilha li kellha lment fuqha, mingħajr ma semgħet il-verżjoni tagħha, infurmatha li tkeċċiet mix-xogħol. Ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal jiddikjara illi (i) t-tkeċċija kienet waħda nġusta; u (ii) r-raġuni ta' tkeċċija bħala waħda ta' dixxiplina ma tibqax tidher fuq it-*termination of employment;* u (iii) jagħti rimedju skont il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-każ tar-rikorrenti[1] li fiha hija qalet li kienet ilha taħdem mas-soċjeta' intimata għal sena u sebgħa xhur u li għall-bidu qatt ma kellha problemi. L-ewwel problema inqalgħet sena u xahrejn wara li bdiet taħdem fejn kien hemm ilment minn klijenta dwarha fuq xi imsielet illi s-sid allega li kienu nstabu fil-barmil taż-żibel. Wara dan l-inċident kienet biddlet il-ħanut fejn taħdem u hemm ukoll beda jkollha problemi minħabba leave u ġranet *off*.

Rat **ir-risposta tas-socjeta' Sterling Holdings Company Limited tat-18 t'Ottubru 2013**[2] permezz ta' liema eccepiet illi (i) t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; (ii) it-tkeċċija ta' Natania Mifsud hija ġusta, ġustifikata u skont il-liġi; (iii) ir-rikorrenti ma kinitx idoneja għal dan ix-xogħol u r-relazzjoni fuq ix-xogħol magħha kienet dejjem turbolenti minħabba l-karattru tagħha u fil-fatt Natania Mifsud irċeviet żewġ twissijiet bil-miktub kif ukoll numru ta' warnings verbali; (iv) hija kienet negligenti fuq il-post tax-xogħol u wriet nuqqas kbir ta' responsabbilita kif kienet iġġib ruħha f'ġeneru

[1] Fol 5 et seq.
[2] Fol 8 et seq.

ta' xogħol delikat kif inhu dak odjern u cioe' ħanut tad-deheb; (v) Mifsud kienet ingħatat ċans ieħor mis-soċjeta' intimata billi intbagħtet taħdem f'ħanut ieħor pero' spiċċat tiġġieled mat-tieni *Manager* tagħha u tgħajjat mas-superjur tagħha fil-ħanut stess.

Rat id-dikjarazzjoni tal-każ tas-soċjeta' intimata[3] fejn rapprezentant taghha ta l-verzjoni taghhom dwar x'wassal biex joħorġu t-twissijiet kontra r-rikorrenti. Inghad ukoll li r-rikorrenti gieli kienet tuża' l-mobile waqt il-ħinijiet tax-xogħol meta dan hu projbit u qal ukoll illi kienet qed tkun ta' eżempju ħażin fuq sħabha l-impjegati l-oħra. Minħabba l-aġir tar-rikorrenti huma kienu kostretti jkeċċuha fit-3 ta' Mejju 2013.

Rat **id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tas-26 ta' Marzu 2015**[4] li ddecidiet hekk:

*"It-Tribunal għalhekk jikkonkludi li s-soċjetà ntimata naqset li tipprova li kien hemm raġuni tajba u biżżejjed għat-temm tal-impjieg tar-rikorrenti u, wara li qies iċ- ċirkostanzi tat-tmiem tal-impjieg u wkoll iċ-ċirkostanzi soġġettivi tal-impjegata, sejjer jillikwida kumpens favur ir-rikorrenti. Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal jiddeċiedi billi fl-ewwel lok jiddikjara li t-tkeċċija tar-rikorrenti mill-impjieg tagħha mas-soċjetà ntimata ma kinitx għal raġuni tajba u biżżejjed fil-liġi u, għalhekk, a tenur tal-Artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħed jiffissa kumpens fl-ammont ta' tlett elef euro (€3,000) u jikkundanna lis-soċjetà ntimata tħallas tali kumpens lir-rikorrenti.*

*Dwar it-talba tar-rikorrenti li r-raġuni ta' tkeċċija ma tibqax tidher fuq it-termination form tal-ETC, dan it-Tribunal jiddikjara li m'għandux ġurisdizzjoni jagħti tali ordni."*

Dan wara li t-Tribunal ghamel dawn il-konsiderazzjonijiet:

i. Mill-provi jirriżulta b'mod ċar li ma ġietx segwita proċedura ta' dixxiplina kif inhu xieraq. Skont ix-xhieda tar-rikorrenti hija qatt ma ngħatat l-opportunita illi tiddefendi ruħha kemm meta inħareġet l-ewwel twissija bil-miktub u kif ukoll kif inħarġet it-tieni twissija bil-miktub illi wasslet għat-tkeċċija tagħha;

ii. Is-soċjeta' ntimata ma rribattitx dan pero' ppruvat tiskolpa lilha nnifisha billi tispjega l-istanti numerużi ta' fejn ir-rikorrenti ma kinitx idoneja sabiex tkun impjegata magħha;

iii. Il-fatt li qatt ma ħarġet *charge* formali lir-rikorrenti u qatt ma kien hemm smiegħ ġust u xieraq iwassal lil dan it-Tribunal li jikkonkludi li żgur ma ġietx segwita proċedura kif inhu mistenni;

iv. Meta t-Tribunal jikkunsidra kif ġiet trattata r-rikorrenti fil-każijiet fejn inħarġulha ż-żewġ twissijiet bil-miktub, għalkemm huwa minnu li hija ingħatat l-opportunita' sabiex tirranġa l-aġir tagħha, jirrizulta fatt mhux kontestat illi fil-

[3] Fol 10.
[4] Fol 81 et seq.

kamp tal-liġi industrijali t-tkeċċija hija l-piena kapitali għall-impjegati u li impjegat jitkeċċa mingħajr ma jingħata l-opportunita' li jiskolpa ruħu kemm-il darba ġiet meqjusa minn dan it-Tribunal bħala proċedura irregolari u li tmur kontra l-ġustizzja naturali;

v. Meta wieħed iqis x'kienu ċ-ċirkostanzi li wasslu għat-tkeċċija tar-rikorrenti t-Tribunal ma jistax ma jikkummentax li l-konsewgenza tan-nuqqas tar-rikorrenti, speċjalment meta wieħed iqis li din ma ingħatatx l-opportunita li tiddefendi ruħha u lanqas ma inġabet prova konklussiva li kienet hi li poġġiet il-ġojjelli fiż-żibel (li fil-fehma tat-Tribunal kienet l-aktar akkuża gravi fil-konfront tar-rikorrenti), is-soċjeta' ntimata aġixxiet b'mod sproponzjonat għall-allegati nuqqasijiet;

vi. Fil-fatt, fix-xhieda tagħha r-rikorrenti rreferiet għall-laqgħa mal-ETC fejn qalet li s-Sur Fenech stess ammetta li mill-kameras ma setax jara b'mod ċar fil-fatt x'kien ġara;

vii. Fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal huwa tal-fehma li l-konsegwenza tan-nuqqasijiet tar-rikorrenti kienet sproporzjonata għall-aġir ilmentat.

Is-soċjeta' ntimata appellat mid-deċiżjoni tat-Tribunal. Fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2016[5] dehru d-difensuri tal-partijiet u l-appellata. Il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhom xejn x'izidu ma' dak li hemm fl-atti u li l-Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza.

Il-Qorti rat l-atti.

L-aggravji huma:

1. Apprezzament ħażin tad-dritt f'dak li hu nterpretazzjoni ta' x'inhi "tkeccija ngusta";
2. Konkluzjoni żbaljata dwar l-isproporzjon bejn it-tkeċċija u n-nuqqasijiet tar-rikorrenti;
3. Kontradizzjoni fl-*iter* tad-deċiżjoni;
4. Ebda spjega da parti tat-Tribunal dwar l-iffissar tal-kumpens.

Jigi qabel xejn sottolineat il-fatt li skont is-subinciz (3) tal-artikolu 82 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta) fil-kazi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta ikun hemm dritt ta' appell **biss** fuq punt ta' liġi.

Gie ritenut minn din il-Qorti fil-każ **Kenneth Vella vs Seabank Catering Co. Ltd**, 23 ta' Mejju 2008[6] li:

---

[5] Fol 14.
[6] Appell Inferjuri Nru 38/2007.

*"Hu principju ripetutament affermat minn din il-Qorti illi l-punt ta' ligi li jirrendi ammissibbli l-impunjattiva tas-sentenza moghtija mit-Tribunal adit, jew, del resto wkoll, minn tribunali jew bordijiet ohra fejn id-dritt ta' l-appell hu hekk limitat ghal "punt ta' ligi", irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza tal-punt ta' dritt. Fi kliem iehor, l-aggravju jrid jippostula sew l-allegazzjoni esplicita tal-punt ta' dritt applikat fir-rigward ta' l-elementi tal-provi accertati…..".*

Stabbilit dan il-prinċipju, il-Qorti tgħaddi biex tqis l-aggravji.

**L-ewwel aggravju.**

Skont is-socjeta' appellanti, it-Tribunal naqas milli jibbaża l-evalwazzjoni tal-provi kollha li kellu quddiemu fuq il-principji ta' dritt li jirregolaw il-kunċett tat-tkeċċija ngusta. Dan għaliex fil-fehma tagħha t-Tribunal ma tax il-piż dovut lill-provi mressqa minnha u li minnhom kellhom jirriżultaw raġunijiet serji biżżejjed li jiġġustifikaw it-tkeċċija tal-appellata.

Il-kwistjoni tax-xogħol odjerna titratta kaz ta' allegata tkeċċija nġusta. Filwaqt li kif ingħad, l-apprezzament tal-fatti mit-Tribunal *per se* jaqa' barra mill-kompetenza ta' din il-Qorti, hija pero' ghandha l-poter li tindaga jekk fl-isfond tal-provi kollha prodotti, it-Tribunal Industrijali rrispettax il-principji maghrufa fil-ligi dwar tali kwistjoni kif interpretati u applikati mill-Qrati u cioe' allura jekk saritx applikazzjoni korretta tal-punti ta' dritt ghac-ċirkostanzi partikolari tal-kaz.

Mill-atti jirrizulta li:

i. L-appellata bdiet tahdem mas-socjeta' appellanti f'Novembru 2011;

ii. Waqt li hija kienet taħdem fil-hanut tas-soċjeta' appellanti f'Raħal Ġdid, seħħ episodju fejn par imsielet li kienet ġabet klijenta u li suppost tpoġġew fis-*safe* ma nstabux. Wara tiftix intensiv anke mill-*Area Manager* Josef Spiteri, dawn l-imsielet instabu fid-*dustbin* tal-ħanut. Ir-responsabbilta' ta' dan in-nuqqas ġiet attribwita lill-appellata peress li hi kienet il-*full timer*, mentri l-*part-timer* li kien hemm magħha qalet li hi kull ma kienet ghamlet kien li kkuntattjat lill-klijenta u l-bqija halliet f'idejn l-appellata[7]. Mic-CCTV ma setax jidher x'gara ezatt[8];

iii. Konsegwenza ta' dan, l-appellata ntbaghtet tahdem fil-hanut tal-Belt u ngħatat ukoll l-ewwel twissija bil-miktub fil-11 ta' Jannar

[7] Fol 14 et seq – email/rapport ta' Josef Spiteri datata 2 ta' Jannar 2013 u xhieda tieghu a fol 45 et seq.
[8] Xhieda ta' Joe Attard, General Manager tas-socjeta' appellanti.

2013[9] fejn ġiet anke mwiddba li tali aġir u negligenza da parti tagġha ma jistghux jigu tollerati mill-kumpanija u li kwalunkwe episodju ieħor kien sejjer jissarraf fi tkeċċija mill-impjieg;

iv. Joe Attard, *General Manager* tas-socjeta' appellanti jghid li anke fil-ħanut tal-Belt l-appellata kellha problema oħra mal-*Manager* Lorraine Falzon Bonnici għax ma qablux fuq l-ghadd tal-*istock* u spiċċaw jghajtu f'wiċċ xulxin. Dan l-episodju issemma wkoll minn din il-*Manager* partikolari fix-xhieda tagħha[10];

v. Il-Manager Falzon Bonnici irapportat il-każ u fit-3 ta' Mejju 2013 l-appellata ngħatat it-tieni u l-aħħar twissija bil-miktub[11] li fissret ukoll it-tkeċċija taghha mill-impjieg. Fiha ntqal li - *"It has come to our notice that recently you have been shouting and being rude to your Manager Lorraine Falzon Bonnici. Furthermore you have been using your personal mobile phone during working hours"* ;

vi. Romina Grech Fenech, *Managing Director* tas-socjeta' appellanti responsabbli mill-istaff xehdet[12] li l-appellata kienet turi għazz żejjed ghax ċertu xogħol flok tagħmlu hi kienet titfgħu fuq ħaddiehor apparti li minn dak li ntqal lilha, l-appellata ma kinitx tħalli l-ħanut organizzat kif tkun sabitu. Dwar dan Grech Fenech tgħid li kellmet lill-appellata diversi drabi;

vii. Grech Fenech issemmi wkoll problema bl-uniformi fejn tgħid li l-appellata kienet regolarment tmur ix-xoghol bil-*cardigan* minflok bil-glekk bhal kollegi tagħha. Fis-settur tal-bejgħ tal-ġojjellerija id-dehra hija mportanti. Din ix-xhud qalet li mhux l-ewwel darba li tkun għaddejja minn quddiem il-ħanut biex tmur l-uffiċċju u tara lill-appellata diversi drabi fuq il-*mobile* jew fuq l-*ipad;*

viii. Skont Alfred Fenech, sid tas-socjeta' appellanti, hu kemm il-darba ra lill-appellata fuq il-mobile, kif ukoll ġieli nnutaha li waqt il-hin tal-*break* tkun barra fuq it-taraġ ta' ħdejhom tiekol u tixrob. Dan meta huma għandhom post ieħor fejn jieklu;

ix. Il-*General Manager* tas-socjeta' appellanti Joe Attard qal ukoll li sar jaf minghand terzi li wara li l-appellata kienet telqet minn mas-

---

[9] Fol 16 – Dok JA 2.
[10] Fol 39 et seq.
[11] Fol 17 – Dok JA 3.
[12] Fol 23.

socjeta' appellata, hija tkeċċiet ukoll mill-impieg il-ġdid li kien f'ħanut biswithom ġewwa tas-Sliema ghaliex inqabdet tara l-*films* fuq il-*computer* tal-ħanut waqt il-ħin tax-xogħol[13];

x. Min-naha tagħha l-appellata tirribatti l-provi mressqa kontriha. Fix-xhieda[14] tinsisti li l-imsielet tal-klijenta kienet poġġiethom f'kexxun u li ma kinitx tefghathom fid-*dustbin*. Il-klijenta ghamlet ilment mas-superjuri tagħha. Ghalkemm dawn qalu lill-appellata li ser jibagħtu ghaliha u ghall-*Area Manager* Josef Spiteri biex jagħtu l-verzjoni taghhom, minn dan ma sehh xejn. Wara xi zmien irċeviet l-ewwel twissija li hija rrifjutat li tiffirma peress li ma kinitx taqbel mal-kontenut taghha. Lanqas ingħatat iċ-ċans li tressaq il-provi taghha biex turi li ma kinitx hi;

xi. Dwar l-esperjenza taghha tax-xoghol fil-hanut tal-Belt, l-appellata lmentat li hija ma kinitx tinghata *handover* meta tidħol lura mill-leave jew tmur minn ħanut ghall-iehor. Ukoll, dwar l-episodju meta hija u l-Manager tagħha Lorraine Falzon Bonnici ma qablux dwar il-kwantita' ta' *stock* ta' ditta partikolari l-appellata tgħid li mhuwiex veru li hi għolliet lehinha ma' ta' fuqha imma sempliċiment esprimiet magħha b'mod ċivili d-diżappunt li filwaqt li hija kienet qagħdet tinkwieta fil-gurnata *leave* tagħha dar x'seta' kkawża d-diskrepanza fl-i*stock*, kellha mbagħad issir taf li l-kwistjoni kienet ġiet solvuta mingħajr lilha ħadd ma ndenja ruħu jgħidilha. L-appellata tgħid li dak il-hin Lorraine qabdet tgħajjat magħha u qaltilha li se tghid lill-*Managing Director* biex tneħħiha minn *Manager* ta' ħanut. Jumejn wara l-*Managing Director* Romina Fenech bagħtet għaliha, tatha t-tieni twissija u qaltilha li ma hemmx għalfejn tiffirmaha ghax l-impjieg tagha kien qiegħed jiġi tterminat;

xii. L-appellata tghid li ma' Romina Fenech kellha wkoll problema bil-*leave* u kien hemm żewġ okkazjonijiet fejn il-*leave* tagħha kien diga' bbukjat u approvat minn żmien qabel u fl-aħħar ħin ikkanċellawulha b'telf ta' flus għaliha minħabba li hi kienet diġa' laħqet għamlet pjanijiet;

xiii. Dwar l-uniformi Natania Mifsud qalet li l-qisien tal-ħwejjeġ li ngħatawlha ma kinux adattati. Il-qalziet kien kbir filwaqt li l-ġlekk kien żgħir imma kellha tiddobba bihom. Kien għalhekk li hija ma

---

[13] Xhieda a fol 52 et seq u email datata 17 ta' Frar 2014 a fol 51
[14] Fol 57 et seq

kinitx tilbes il-ġlekk iżda l-*cardigan*. Kollegi ohra tagħha ġieli libsu l-*cardigan* ukoll;

xiv. Dwar it-telefonati hija tghid li telefonati privati qatt m'għamlet quddiem il-klijenti u meta ċemplet quddiemhom, dan kien ghal benefiċċju tagħhom stess bħal meta tiċċekja ma' hwienet ohra tagħhom jekk għandhomx il-prodott li qegħdin ifittxu l-klijenti. Irrikonoxxiet pero' li hija ġieli uzat il-mobile biex tibgħat xi messaġġ privat;

xv. Dwar il-post fejn l-impjegati suppost jieklu waqt il-*break*, l-appellata qalet li l-kamra kien fiha biss *fridge*, *microwave* u kitla u ma kellhiex spazju fejn wiehed jista' jpoġġi u lanqas kellha tieqa;

xvi. L-appellata nsistiet ukoll li mhuwiex minnu li hija kienet tkeċċiet mill-post tax-xogħol il-ġdid li kienet fih wara li spiċċat minn mas-soċjeta' appellanti, iżda rriżenjat għax sabet post ieħor b'kundizzjonijiet ahjar[15].

Il-Qrati taghna ppronunzjat ruhha diversi drabi dwar din il-materja. Fil-kaz **Daniel D'Amato vs Oil Tanking Malta Ltd** intqal li:

*"L-impjieg li huwa l-ghajn tal-ghejxien ghal haddiem u il-familja tieghu huwa sagru u ghalhekk* ***<u>tkeccija ma tistax tinghata bhala kastig jekk ma tkunx konsegwenza ta' xi offiza gravi tant illi meta wiehed jizen n-nuqqas tieghu mal-hsara li jista' isofri il-principal ghal tali nuqqas, dan ixaqleb favur il-principal[16].</u>*** *Huwa biss f'din ic-cirkostanza illi t-tkeccija tkun gustifikata…."*

Fil-kaz **Arthur Walker vs Foster Clarks Products Limited** deciz fit-30 t'April 2008[17] gie ritenut li:

*"Opportunament, irid jigi registrat illi l-kuncett ta' kawza gusta u valida ghat-tmiem tar-rapport ta' impjieg hu ravvizat f' dawk il-fatti u mgibiet tali li jinducu ghat-telf ta' fiducja, anke ghaliex dan hu komunement intiz bhala l-presuppost essenzjali ta' dan ir-rapport. Dan dejjem b'riferiment ghall-aspetti konkreti tan-natura tar-rapport, il-posizzjoni ta' l-impjegat fl-azjenda, l-intensita' ta' l-allegata kondotta kolpuza u ta' kwalsiasi aspett iehor korrelatat mar-rapport[18]."*

Imbaghad fil-kaz **Charlot Scerri vs ST Microelectronics (Malta) Limited** deciz fl-1 ta' Marzu 2006 intqal li –

---

[15] ETC Form a fol 56.
[16] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti.
[17] Appell Inferjuri Ntu 31/2007.
[18] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti.

*"B'mod generali jidher li f' materja ta' tkeccija mill-impjieg iridu jitharsu dawn il-principji rakkolti mid-duttrina Ingliza u dik kontinentali fuq is-suggett:-*

*(1) L-addebitu tan-nuqqas jew ta' l-imgieba hazina jrid ikun specifiku, jigifieri ghandu jkun formulat b'mod car ta' l-aspetti essenzjali u materjali tal-fatt denunzjat. Mhux accettat allura li l-addebitu jkun bazat fuq semplici suspetti vagi jew ridott ghall-alluzjonijiet generici;*

*(2) Ir-reazzjoni mill-principal trid tkun ukoll wahda tempestiva. Jekk xejn, biex tikkonsentixxi lill-impjegat li jkollu difiza immedjata, u daqstant iehor effikaci, biex jilqa' ghall-akkuzi fil-konfront tieghu;*

*(3) Il-kontestazzjoni minn min ihaddem tesigi, b'necessita`, li tkun immutabbli, jigifieri, li jkun hemm korrispondenza bejn il-fatt kontestat u dak migjub 'il quddiem bhala bazi ta' akkuza u ta' l-azzjoni dixxiplinarja dwaru;*

*(4) Ta' importanza, imbaghad, huwa l-principju tal-proporzjonalita` bejn l-addebitu u s-sanzjoni li tigi komminata mill-principal. Dan fis-sens illi l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun in relazzjoni mal-ghazla u l-mizura tas-sanzjoni u in rapport ghall-gravita tan-nuqqas; s'intendi, valutata fl-entita` taghha, soggettiva u oggettiva[19]."*

Meħudin il-fatti tal-każ fil-kuntest tal-prinċipji ta' dritt appena ċitati, din il-Qorti ma tarax raġuni għalfejn għandha tiddipartixxi mill-kunsiderazzjonijiet li t-Tribunal għamel dwarhom u l-konklużjoni finali li wasal għaliha.

Fil-każ irriżulta li l-aktar "offiża gravi" li giet attribwita lill-appellata kienet dik li tirrigwarda l-imsielet misjuba fid-*dustbin* tal-hanut. Mhuwiex negabbli li dan ma kienx episodju feliċi ghas-soċjeta' appellanti u għar-reputazzjoni tagħha mal-klijenti. Iżda huwa inawdit li t-tort kollu ta' dak li seħħ jintefa <u>awtomatikament</u> fuq l-appellata sempliċiment ghax hi kienet il-*full-timer* fil-ħanut u għalhekk responsabbli għall-oġġetti. Fil-dikjarazzjoni tal-każ iffirmata minn Joe Attard, intqal: *"Ngħid li ma Natania Mifsud fil-ħanut kien hemm impjegata li kienet għadha ġdida u għalhekk kienet Natania Mifsud responsabbli għall-oġġetti u għal dak li ġara. Din kienet negliġenza kbira daparti ta' Natania Mifsud tenut kont li xogħolha kien f'ħanut fejn l-oġġetti kollha huma prezzjużi u ta' valur għoli"* (fol. 10). Jidher li l-appellanti ma wettqitx indaġni kif suppost biex tiddetermina kif l-oġġetti suppost kienu spiċċaw f'dustbin u waslet għal konkluzjoni li l-appellata kienet responsabbli mis-sempliċi fatt li l-impjegata l-oħra kient għada tibda taħdem bħala *trainee*. Pero' dan m'huwiex il-mod kif isiru l-affarijiet. Il-prinċipal kellu jisma' l-verzjoni tal-appellata qabel jiddeċiedi li l-appellata kienet responsabbli għal dak li ġara u jagħtiha *warning*. Ħaġa li hu evidenti li m'għamilx. Il-qorti fehemet li lanqas ma tkellem ma' Letizia Aquilina. Hu veru li l-bażi tal-ewwel

[19] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti.

twissija tal-11 ta' Jannar 2013 hi, -"*The salesperson present with you when the items arrived at the shop, Letizia Aquilina, was a new part-timer and would not have opened the package,* ***so it must have been you who opened the package and misplaced these items***[20]*".* Pero' din hi bażata biss fuq supposizzjoni. Letizia Aquilina lanqas ma tressqet bħala xhud sabiex tirrakkonta dak li suppost ġara. Dan apparti li l-fatt li l-appellata setgħat forsi fetħet il-pakkett fejn kien hemm l-imsielet, ma jfissirx li kienet hi li tefgħathom fid-*dustbin* flimkien ma' tliet oġġetti oħra. Il-qorti hi tal-fehma li mill-provi t-Tribunal kellu dritt li jikkonkludi:

*"....lanqas ma nġabet prova konklussiva li kienet hi li poġġiet il-ġojjelli fiż-żibel, li, fil-fehma tat-Tribunal kienet l-aktar akkuża gravi fil-konfront tar-rikorrenti".*

Il-Qorti tippercepixxi wkoll li kien proprju dan l-episodju li tappan sew il-perspettiva tas-socjeta' appellanti versu l-appellata, tant li fuq ammissjoni ta' Joe Attard, General Manager tas-socjeta' appellanti, wara l-episodju tal-imsielet "***kien hemm bad feeling****. Allura gie mibdul il-post tax-xoghol taghha u spiccat il-Belt*[21]*."*

Il-Qorti tinnota wkoll li minkejja li fil-proċeduri quddiem it-Tribunal is-soċjeta' appellanti semmiet diversi ċirkostanzi li għaliha kienu jirrispekkjaw nuqqasijiet fl-imġieba tal-appellata, fosthom dwar l-uniformi u l-post fejn tiekol waqt il-break, dawn ma jirriżultax li kienu l-motivi ewlenin li wasslu ghat-tieni u l-aħħar twissija, tant li jissemmewx. Lanqas m'hemm provi li l-appellata kienet ingħatat xi twissijiet oħra apparti dawk tal-1 ta' Novembru, 2013 u t-tkeċċija fit-3 ta' Mejju, 2013. Tant hu hekk li fl-avviz tat-3 ta' Mejju, 2013 jingħad li *"This is your* ***second*** *official and final warning".*

Dik li l-appellanti ssejjaħ bħala t-tieni twissija, reġgħet saret mingħajr mal-appellata ma ngħatat l-opportunita' li tagħti l-verżjoni tagħha. Għalkemm fid-dokument jingħad li dik kienet twissija, fir-realta' ma kienet twissija xejn għaliex fiha jingħad: *"In this regard, since this is your second official warning, you are hereby being informed that your employment with the company is being terminated with immediate effect"* L-appellata tghid, b'mod mhux kontradett, illi wara l-episodju fejn iffaccjat lill-Manager Lorraine Falzon Bonnici dwar in-nuqqas ta' qbil fl-i*stock* –

*"Xi jumejn wara nircievi telefonata minghand Romina Fenech biex nitla' fl-ufficcju taghha, tlajt u mill-ewwel hargitli warning. Warning li jiena ghajjatt mal-Manager tieghi u kont rude maghha, issa minn dan xejn mhu vera. Jiena qaltli li ma hemmx ghalfejn niffirmah u*

[20] Fol 16.
[21] Fol 20.

*daqshekk, just dak il-hin, qaltli nista' nitlaq id-dar. Kelli nitlaq ovvjament u l-istorja spiccat hemm tal-iSterling*[22]*"*.

Din il-Qorti, l-istess bhat-Tribunal, ma tistax tikkondividi dan il-*modus operandi*. Lorraine xehedet li fit-30 ta' April, 2013 l-appellata għajtet magħha minħabba *spot checks* li jsiru mill-kumpannija, ċjoe' biex jiġi verifikat l-istokk. Spjegat, *"Fi 30 ta' April ġiet tgħidli li jiena rrid ngħidilha b'dawn l-affarijiet, għax jien naħbi l-affarijiet u rrid innehhiha minn rasi li jien għadni dik il-manager ta' dak il-ħanut, għax iktar mhux hemm milli hemm. Qbiżt jien, wissejtha li jien ħa mmur ngħid kollox lil ta' fuqhi. U hi qaltli meta trid, tista' tmur u tgħidilhom u jien hekk għamilt"*. Fl-avviż li ngħatat l-appellata datat 3 ta' Mejju, 2013 jingħad:

*"It has come to our notice that recently you have been shouting and being rude to your manager Lorraine Falzon Bonnici. Furthermore you have been using your personal mobile phone during working hours"*.

F'dan ir-rigward il-qorti tosserva kif:

i. Lorraine Falzon Bonnici semmiet biss incident wieħed. Għalkemm semmiet li kien ikun hemm argumenti, ma qalitx x'kienu. Lanqas ma jirriżulta li qabel l-imsemmi incident, Falzon Bonnici kienet għamlet xi rapporti oħra fil-konfront tal-appellata. Inoltre l-qorti ssib il-verzjoni ta' Falzon Bonnici suspettuza. Mistoqsija, *"U wara dan l-inċident li semmejt, inħareġ xi warning kontriha, taf xejn ?"*, wieġbet, *"Ma naf xejn"*. Il-qorti ssibha nkredibbli kif ix-xhud ma kinitx taf x'ġara meta kien ir-rapport tagħha li wassal biex tlett ijiem wara l-appellata titkeċċa mix-xogħol.

ii. L-appellata ċaħdet li qalet dawk il-kliem lil Falzon Bonnici. L-appellanti ma tatx l-opportunita' lill-appellanti biex tagħti l-verżjoni tagħha, u għalhekk poġġiet lilha nnifisha fl-agħar posizzjoni billi ħadet deċiżjoni fuq dak li rrakontat Falzon Bonnici biss. Hu ovvju li l-appellanti qieset li r-rapport li sar minn Falzon Bonnici kien il-verita' u ttieħdet id-deċiżjoni li l-appellata għandha titkeċċa, meqjus ukoll l-inċident relatat mal-imsielet. Pero' l-verżjoni li tat l-appellata dwar dak li kien ġara hi ferm differenti minn dak li tat Falzon Bonnici. L-appellanti ma spjegatx għalfejn il-verżjoni ta' Falzon Bonnici kellha titqies iktar kredibbli.

iii. Għal dak li jikkonċerna l-uzu tal-mobile fuq il-post tax-xogħol, li jissemma wkoll fl-avviz tat-3 ta' Mejju, 2013, ma jirriżultax li qabel kienet ingħatat xi warnings bil-miktub. L-appellata spjegat li ma kinitx

[22] Fol 61.

iċċempel minn fuq il-mobile. Romina Grech Fenech xehedet, *"Plus li l-uffiċċju tagħna qiegħed Zachary Street, imma kont ngħaddi ħafna minn Melita Street. Din dejjem fuq il-mobile, jew fuq l-ipad jiġifieri"*. Il-qorti m'għandhiex dubju li x-xhud eżagerat fil-verżjoni li tat. Il-qorti tiskanta wkoll kif l-appellata qatt ma ngħatat twissija bil-miktub jekk kif qalet Grech Fenech, l-appellata kienet tkun qegħda dejjem tuza l-mobile u ipad. Hu veru li Alfred Fenech, sid tal-ħanut, xehed ukoll li kemm-il darba ra lill-appellata tuża l-mobile. Li ma tifhimx il-qorti hu kif jekk dik hi l-verita, sid il-ħanut ma ħax passi dixxiplinari kontra l-appellata. Rilevanti wkoll li l-manager tal-ħanut (Lorraine Falzon Bonnici) qatt ma semmiet tali fatt, u m'hemmx prova li f'dan ir-rigward kienet għamlet xi rapport lis-superjuri tagħha. Il-qorti tistenna li jekk hu veru li l-appellata kienet tuża l-mobile waqt il-ħin tax-xogħol, il-manager probabilment kienet tkun taf. Pero' fid-deposizzjoni tagħha ma ssemma xejn dwar uzu ta' mobile jew ipad mill-appellata. Hekk per ezempju m'hemmx prova fis-sens li kienet inġibdet l-attenzjoni taghħa għal fatt li l-appellata tuża l-mobile waqt il-ħin tax-xogħol.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti tikkonkludi li t-Tribunal kellu kull dritt li jikkonkludi li t-tkeċċija kienet inġusta.

**<u>It-tieni aggravju.</u>**

L-aggravju tas-socjeta' appellanti huwa li t-Tribunal ma kkunsidrax il-partikolaritajiet tax-xoghol delikat u l-kunsiderazzjonijiet ta' sigurta' fix-xoghol in kwistjoni. Fil-fehma tas-socjeta' appellanti, il-konkluzjoni tal-istess Tribunal li kien hemm sproporzjon bejn l-agir lamentat u t-tkeċċija mill-impieg hija skorretta.

Ma hemm ebda dubju li kull impieg għandu l-partikolaritajiet tiegħu abbinati mas-settur li jkun fih. Dan pero' ma jvarjax il-prinċipji bażiċi li għandhom jirregolaw <u>kull</u> relazzjoni ta' xogħol bejn ħaddiem u mpjegat, fosthom li ħaddiem għandu jingħata l-opportunita li jagħti l-verżjoni tiegħu u jittieħdu passi dixxiplinari fejn ikun hemm provi. Pero' hu evidenti li f'dan il-każ il-prinċipal ma kienx interessat li jisma' l-verżjoni tal-appellata, u bbaża d-deċiżjoni fuq dak li qal ħaddieħor.

**<u>It-tielet aggravju.</u>**

Is-socjeta' appellanti ssostni wkoll li tezisti kontradizzjoni fl-*iter* tad-deċiżjoni fejn fil-konkluzjoni jingħad, *"li s-socjeta' intimata naqset li tipprova li kien hemm raguni tajba u bizzejjed ghat-temm tal-impieg tar-rikorrenti"* meta ftit

qabel jingħad li din ma ngħatatx smigh xieraq.

Il-Qorti diga' kkummentat estensivament dwar il-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tat-Tribunal u tqis dan l-aggravju tas-soċjeta' appellanti bħala fieragh. Il-fatt li t-Tribunal ikkonkluda li l-appellata tkeċċiet inġustament, mhuwiex inkompattibbli mal-fatt li t-Tribunal qal ukoll li l-appellata ma ngħatatx smiegh xieraq.

**<u>Ir-raba' aggravju.</u>**

Is-socjeta' appellanti tikkritika n-nuqqas ta' motivazzjoni mit-Tribunal dwar il-kumpens likwidat. Fid-decizjoni t-Tribunal iddikjara li huwa kien qieghed jiffissa l-kumpens a tenur tal-Artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi hekk –

*"(a) f'każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta, jekk ma jkunx hemm talba speċifika biex jerga jidhol fl-impjieg jew jerga' jiġi impjegat, jew it-Tribunal jiddeċiedi li ma għandux jagħmel ordni biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat kif intqal qabel, it-Tribunal għandu jagħti sentenza ta' kumpens, li għandha titħallas mill-prinċipal lil min jagħmel l-ilment, rigward it-tkeċċija:*

*Iżda, meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie imkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra, inklużi l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impieg ta' dak il-ħaddiem".*

Dwar ħlas ta' kumpens f'każ ta' tkeċċija nġusta mill-impieg, din il-Qorti osservat hekk fil-każ **Peter Spiteri vs Xuereb Glass Co. Ltd deciz fl-10 t'Ottubru 2005**[23] –

*"Ibda biex il-ligi specjali applikabbli ma tipprovdi mkien regoli fissi dwar l-ammont tal-kumpens. Tillimita ruhha fil-proviso ta' l-Artikolu 81 (2) ta' l-Att biex tippreciza certi kriterji li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-istabilizzar ta' l-ammont tal-kumpens. Jigifieri "it-Tribunal ghandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-haddiem li jkun gie mkecci minghajr kawza gusta, kif ukoll cirkustanzi ohra, inkluzi l-eta` u s-snajja tal-haddiem li jistghu jaffettwaw il-potenzjal ta' l-impjieg ta' dak il-haddiem";*

*Minn dan hu dezumibbli li l-iffissar ta' l-ammont tal-kumpens hu rimess ghall-arbitriju tat-Tribunal. Arbitriju dan, li hu mistenni wkoll, u dejjem, li jkun wiehed boni viri, bazat fuq apprezzament ekwu skond il-mudell solitu tal-bonus paterfamilias. Tali apprezzament ekwu jimplika gudizzju li jzomm qies tac-cirkostanzi fattwali kollha u rikonciljat ma' l-ezercizzju korrett tal-poteri tat-Tribunal, fl-ambitu wkoll tad-dispost appena accennat".*

Il-qorti tistqarr li jkun floku li t-Tribunal jispjega kif ikun wasal biex jillikwida l-

[23] App.Civ.8/04.

kumpens li jikkundanna lill-prinċipal li jħallas lill-impjegat għat-tkeċċija nġusta. F'dan il-każ it-Tribunal qal li l-likwidazzjoni tal-kumpens saret wara li ttiehdet in konsiderazzjoni d-dispozizzjoni rilevanti tal-Kap 452 inkluż għalhekk iċ-ċirkostanzi kollha partikolari tal-każ.

Fis-sentenza **Godwin Vassallo vs Vittoriosa Gaming Ltd deciz fit-28 ta' Marzu 2008**[24] **-**

*"Biex jinghad kollox, dawk l-indikaturi ma humiex ezawrjenti u din il-Qorti ghandha ragonevolment tassumi illi t-Tribunal ha in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Mhux l-anqas, il-konkorrenza ta' dik il-gravozita magguri, anke morali, konsegwita minn impjegat ingustament sfiducjat minn min ihaddmu."*

Fil-kaz tal-lum ma ngiebet ebda raguni valida li tista' tikkonvinci lill-Qorti biex tiddubita li dawn il-fatturi ma gewx meqjusa mit-Tribunal. Somma ta' €3,000 hi konservattiva u l-appellanti lanqas ma spjegat kif dan l-ammont hu eċċessiv. Il-qorti tinnota wkoll kif fis-sottomissjonijiet quddiem it-Tribunal, l-appellanti lanqas biss indenjat ruhha li tikkummenta dwar il-kumpens fl-eventwalita' li t-Tribunal jilqa' l-ilment tal-appellata.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra s-socjeta appellanti.**

Anthony Ellul

[24] App Civ 25/07.